# AVVIŻI

1. Il-Laqgħat ta' Talb li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 2 u 16 ta' Jannar 2000 fit-3.00pm
   Il-Ħadd 6 u 20 ta' Frar 2000 fit-3.30pm
   Il-Ħadd 5 u 19 ta' Marzu 2000 fl-4.00pm
   Il-Ħadd 2 u 16 ta' April 2000 fil-5.30pm
   Ikun hemm trasport mill-pjazza tas-Siġġiewi għall-Girgenti li jitlaq kwarta qabel il-hin tal-laqgħa.

2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mitlubin jiktbulna mingħajr dewmien. Agħtu dettalji kemm tistgħu fuq il-grazzja li qlajtu. Tinsewx tibgħatu isimkom, l-indirizz, in-numru tat-telefon. Dan għamluh anke jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fil-fuljett. F'dan il-każ isimkom ma jiġix ppubblikat.

3. Inħeġġu lill-qarrejja ta' dan il-fuljett, kif ukoll lil dawk li jiġu għal-laqgħat ta' talb, jew jiġu jitolbu matul il-ġimgħa il-Girgenti, biex jieħdu formola ta' applikazzjoni għal shubija (*Membership*) fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli tistgħu toħduhom mill-Girgenti stess, jew, jekk ma tistgħux tmorru l-Girgenti, iktbu lis-Segretarja tal-Moviment: Dr. Sylvana Spiteri, c/o 16, St. James Street, Siggiewi.

4. Infakkarkom li ġew ippubblikati seba' kotba, kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż li fihom tagħrif kemm fuq il-messaġġi li tatna Ġuża u kemm fuq ġrajjiet oħra tal-Girgenti. Dawn il-kotba jistgħu jinkisbu mill-post tal-laqgħat tat-talb jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.

**DIJKARAZZJONI:** *Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.*

Veritas Press - Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAHRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 41 JANNAR 2000 JITQASSAM BLA ĦLAS



**Wieħed mill-Bambini fid-dar ta' Ġuża Mifsud**

*Il-Kumitat ta' dan il-Moviment jixtieq iwassal ix-xewqat tajba tiegħu għas-Sena 2000 lill-Membri kollha tal-Moviment u lill-qarrejja kollha ta' dan il-fuljett. Jalla f'Malta u fid-dinja ssaltan il-vera paċi tal-Mulej.*

# DAWRA MAD-DAR TA' ĠUŻA MIFSUD
## (L-ewwel parti)

Dar żgħira u sempliċi, nieqsa mil-lussu ta' żminijietna iżda mogħnija b'ħafna rikkezzi spiritwali li żgur iħallu effett fuq kull min jidħol fiha. L-iskop ta' dan l-artiklu huwa li fil-qosor nagħti tagħrif dwar dawn ir-rikezzi li tista' tgħid jinsabu f'kull kamra ta' din id-dar li Ġuża Mifsud ħalliet lill-Moviment "Madonna tal-Konsagrazzjoni", Moviment li qiegħed dejjem jikber u jikseb għarfien mhux biss mal-poplu Malti u Għawdxi iżda mad-dinja kollha.

## L-INTRATA

Kif titfa' l-ewwel pass ma jistgħux ma jolqtuhx Kurċifiss kbir li qiegħed eżatt faċċata tal-bieb ta' barra kif ukoll l-inkwadru tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dan l-inkwadru ma kienx minn dejjem fl-intrata. Għall-ewwel li sar, Guża kienet qegħditu fir-remissa, aktar tard kien f'kamra fuq ġewwa iżda meta fl-1983 Mons. Salvatore Grima qalilha biex tiftaħ il-messaġġ għall-pubbliku, inħass li kien aktar għaqli li l-inkwadru jinħareġ fl-intrata fejn ikun aktar milħuq minn dawk li jmorru jitolbu quddiemu.

L-istorja ta' dan l-inkwadru tmur lura sas-snin ħamsin meta Ġuża kellha madwar 28 sena. Hi tgħid li f'dak iż-żmien kienet bdiet tisma' leħen jgħidilha biex tiddefendi l-unur t'Alla mid-dagħa u mid-diżonesta. Damet tisma' dan il-leħen madwar tliet ġimgħat. Tkellmet dwar dan mad-Diretturi Spiritwali tagħha li kienu Dun Ġorġ Preca u Dun Ġorġ Mercieca. Meta staqsiethom hi bħala mara x'tista' tagħmel, Dun Ġorġ Preca kien weġibha li għall-ġid kulħadd jista' jaħdem. Hi kitbet mal-ħames ittri lill-Prim Ministru Sir Paul Boffa u meta aktar tard kienet qiegħda tattendi l-Kungress ta' l-Isem Imqaddes t'Alla li sar Raħal Ġdid, l-Arċisqof Mikiel Gonzi kien ħabbar li l-Gvern ser jgħaddi liġi kontra d-dagħa.

F'Lulju ta' dik l-istess sena, Ġuża tgħid li meta kienet fil-kamra tas-sodda rat lill-Madonna bil-Bambin f'idejha. Lil Ġuża talbitha biex tagħmel kopja ta' kif kienet qiegħda taraha. Meta Ġuża qaltilha li m' hix kapaċi, il-Madonna weġbitha, "Aqbad il-ktieb tal-Knisja li għandek fil-kexxun



tal-gradenza. F'dak il-ktieb hemm santa tiegħi bil-Bambin fi ħdani. Fuq dik is-santa ħalli dak kollu li inti qed tara fija, neħħi dak li m'intix tara u żid dak li ma hemmx." Għalhekk, x'ħin filgħodu ommha marret għall-quddies, Ġuza qabdet din is-santa u b'ġibsa ħamra pinġiet il-libsa u mbagħad b'*ballpen* kaħla pinġiet il-mant. Meta pinġiet il-kuruna, is-salib ġiha ferm itwal minn kif suppost iżda l-Madonna qaltilha, "Dawk id-difetti ppermettejthom jiena biex ikunu prova li x-xogħol sar minn idejn foqra u umli." Skond Ġuża, il-Madonna riedet it-titlu "Il-Madonna tal-Konsagrazzjoni" għaliex qaltilha, "Minn ċkuniti jiena kont ikkonsagrata u dan it-titlu ħadd ma taħuli mid-dinja imma għoġobni nniżilhulek Jiena."

Imbagħad Ġuża qabdet din is-santa u ħaditha għand "Blackman" u dan minn fuqha għamlilha r-ritratt il-kbir li qed nitkellmu fuqu.

Eluf ta' nies ġew jitolbu quddiem dan l-inkwadru u ħafna minnhom qalgħu grazzji kbar. Ġuża kienet bniedma umli ħafna, hi ma kinitx tkun trid kumplimenti, jekk xi ħadd kien jgħidilha xi ħaġa kienet dejjem tgħidlu biex jindirizza dawn il-kumplimenti lill-Madonna. Fil-fatt kellha anki karta mwaħħla li hi ma tridx bews, il-bews jagħtuh lill-Madonna. Lanqas ma kienet bniedma prużuntuża, kienet titlob ħafna ma' dak li jkun iżda mhux dejjem kienet twieġeb iva jew le lil min kien jistaqsiha domandi dwar fejqan ta' mard, vokazzjonijiet u żwieġ. Fil-maġġoranza tal-każi kienet tirrakomanda t-talb u twiegħed it-talb tagħha.

Madankollu kien hemm diversi każi fejn waqt li Ġuża kienet tkun titlob quddiem l-inkwadru kienet tgħid li qiegħda tħoss lill-Madonna tgħidilha ċertu affarijiet. Insemmi żewġ każi fil-qosor. Wieħed huwa dak ta' James, bin Maria u Joseph Aquilina li ġara fl-1985. James, dak iż-żmien tarbija ta' erba' xhur, kien ċertifikat li jbati minn *Ceoliac Disease*, marda li ma tippermettilux jieħu affarijiet ta' dqiq. Darba tabib qal lil Maria, "Ara taħseb li ibnek ser ifieq. Jekk trid toqtlu agħtih affarijiet milli nieklu aħna." Fit-12 ta' Ġunju 1985, għal ħabta tas-6.30pm Maria marret għand Ġuża. Sabet ħafna nies, bdiet tibki u lil Ġuża qaltilha, "Ġuża nixtieq inkellmek naqra." Minkejja n-nies li kien hemm, Ġuża qaltilha, "Ersaq 'l hawn." Maria reġgħet bdiet tibki u Ġuża qaltilha, "Oħt, tibki xejn. Dan il-biki kollu għad irid jispiċċa. Dan it-tifel ma' għandu xejn u ser nagħtih jiekol għax hekk qiegħda nħoss. Għal Madonna

xejn ma hu mpossibbli." Ġuża tatu biċċa ċikkulata u t-tifel kielha. L-għada Maria reġgħet marret għand Ġuża u din tatu biċċa pane di spanja. James kielha u minn dak iż-żmien baqa' jiekol kull tip ta' ikel.

Każ iehor huwa dak ta' Doris Attard minn Ħaż-Żebbug li ġara fl-1984. Doris kellha idha kienet nitnitilha, tant li lanqas tal-familja ma kienu jifilħu r-riħa tinten li kienet toħroġ minnha. Kellha uġigħ fi drieghha kollha li ma kien iħalliha tagħmel xejn u lanqas tistrieħ, tant li kien ikollha toqgħod fis-sodda. Ma kienx hemm tama ta' fejqan tant li kienet ser issirilha operazzjoni sabiex idha tinqata' barra biex issalva ħajjitha.

Doris marret għand Ġuża u kif tgħid hi stess, "Jien lil Ġuża ma kontx nafha u lanqas hi ma kienet taf lili. Mingħajr ma jien kont għadni lissint kelma, Ġuża qaltli, 'Il-Madonna se tfejqek!' Hi ressqitni quddiem l-inkwadru tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni biex nitolbu flimkien. Ħaġa straordinarja, dak il-ħin, minn idi nfaxxata dejjem tinten, ħarġet riħa tfuħ!

Għand Ġuża bdejt immur spiss, darba, darbtejn fil-ġimgħa sa minn April 1984. Kull darba li kont nitlob magħha quddiem l-inkwadru tal-Madonna, kont inħoss moviment f'idi. L-isptar kienu qaluli li rimedju wieħed kien hemm, li jaqtgħuli idi. Imma Ġuża kienet qaltli, 'Ara li ma jfettillekx taqta' xi id! Idek ħalliha fejn hi għax il-Madonna se tirranġalek kollox.' U hekk ġara.

Idi bdiet tfiq, marret l-intiena, marret is-swidija u s-swaba' bdejt inħaddimhom bħal tal-lemin. Idi fieqet għal kollox bla ebda kura medika. Meta kont mort għand il-Professur (Dr. J. E. Casaletto) u ra idi bajda mfejqa għal kollox stagħġeb u qalli, 'dan miraklu' u għamilli ċertifikat ta' dan il-fejqan straordinajru."

Fil-bidu semmejt ukoll Kurċifiss kbir li hemm faċċata tal-bieb ta' barra. Ġara li kien hemm persuna li xtaqet li tħallas għal Kurċifiss biex dan jintuża waqt il-laqgħat li jsiru fil-Girgenti. Dan ħa tliet korpi sabiex Ġuża tagħżel l-aħjar wieħed. Għażlet dak li ħasset li meta kienu għaddejjin bih minn quddiemha għajnejh iltaqgħu ma tagħha. Imbagħad sar is-salib ta' l-injam u pedestal biex ikun jista' jibqa' wieqaf. Sadanittant Ġuża bdiet tħoss li dan il-Kurċifiss m'għandux joħroġ mid-dar tagħha u filfatt għal Girgenti sar kurċifiss iehor.

Sa minn meta bdejt immur għand Ġuża jiena dejjem kont niftakar



li postha fl-intrata kien fuq siġġu fir-rokna faċċata tal-bieb. Iżda dan il-post hi ċedietu bil-qalb kollha sabiex hemmhekk jitpoġġa dan il-Kurċifiss kif għadu hemm sallum. Spiss kienet tgħid li kienet tara tibdil fuq dan il-Kurċifiss b'mod speċjali fi żmien ir-Randan. Hija kienet tgħid li f'ċertu ġranet kienet tarah imbenġel u batut aktar minn ġranet oħra.

## IL-KAMRA TAS-SODDA

Din hija kamra pjuttost kbira, b'żewġ sodod, żewġ gradenzi, mejda, gwardarobba, zewġ pultruni tal-qasab, siġġijiet u xi bċejjeċ oħra ta' għamara.

Fl-opinjoni tiegħi l-akbar importanza ta' din il-kamra jinsab fil-fatt li kien proprju hawn li għall-ewwel darba fid-dinja nstema' t-titolu ġdid tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Hawnhekk kienet Ġuża meta tgħid li rat lill-Madonna bil-Bambin fi ħdanha, qaltilha biex tpingiha u biex issemmi din it-tpinġiha Madonna tal-Konsagrazzjoni. Iżda skond Ġuża dan ma kienx l-uniku fatt sopranaturali li seħħ f'din il-kamra. Hija tgħid li hawnhekk il-Mulej u l-Madonna ippermettewlha diversi viżjonijiet, uħud li għandhom x'jaqsmu mas-sema u oħrajn mad-dinja. Hawnhekk Ġuża għamlet diversi rtiri u mhux l-ewwel darba li batiet il-ġuħ u l-għatx għaliex minħabba nuqqas ta' saħħa ma kinitx tkun tiflaħ tinżel isfel u meta kien jispiċċalha l-ilma li kienet ittella' magħha fi fliexken tal-plastik, lanqas naqra kafe ma kienet tkun tista' tieħu.

Taħt l-imħadda tas-sodda tagħha, sibt kurċifiss żgħir, kuruna tar-rużarju, labtu tal-Madonna u xbieha ta' Padre Pio li skond kif kienet tgħid kien dehrilha diversi drabi biex jagħmilha l-kuraġġ fil-missjoni li kienet ġiet fdatha lilha mis-sema.

Mal-gwardarobba hemm żewġ ilbiesi mdendlin, waħda minnhom kienet tilbisha d-dar u l-oħra titla' biha l-Girgenti. Fuq ta' l-aħħar hemm strixxa b'ħames ittri. Dawn l-ittri huma "M", "Ġ", "S", "M" u "Ġ" (Mulej Alla, Ġesu, Spirtu s-Santu, Marija, San Ġużepp). Tajjeb li ngħid li Ġuża kienet tgħid li l-Girgenti trid tinbena knisja u li jrid ikun hemm kunvent tas-Sorijiet biex jieħdu ħsieb din il-knisja. Skond Ġuża, l-Madonna qaltilha li hija ser tkun l-ewwel Madre ta' dawn is-sorijiet.

***Dr. Sylvana Spiteri***

*(ikompli fil-ħarġa li jmiss)*

# GRAZZJI MAQLUGĦA

**Devota tal-Madonna kitbet fit-13 ta' Settembru 1999:**

Veru li Alla jinqeda b'nies sempliċi biex juri l-glorja tiegħu. Nies li s-suppervja ma jafux x'inhi.

Fil-każ tiegħi Alla inqegħda f'Ġuża Mifsud biex ikabbar l-unur lejn ommu Marija. Smajt ħafna b'disgrazzji, iżda qatt ma bsart li kellu jiġrili diżgrazzja hekk kerha. Kien id-29 ta' Lulju meta għal ħabta ta' l-4.30p.m. ibni żgħir ta' għoxrin sena kellu diżgrazzja kerha ħafna.

Mal-ħabta li kellu, l-kustilji għafsu fuq il-pulmun u skond il-professur huma ma setgħu jagħmlu xejn. Il-professur beża' ħafna li t-tifel taqbdu xi infezzjoni u ġara li wara ġimgħa b'deni qawwi, it-tifel qabditu din l-infezzjoni. Ittakkatlu l-kliewi b'deni qawwi ħafna u t-tifel seta' jitlaq f'kull mument. Kienu għaddew seba' ġimgħat u t-tifel baqa' jilgħaba mal-mewt.

Ħabib tal-familja ġie jara lit-tifel u qata' qalbu li jgħaddilu. Kienet il-ġurnata tat-Tnejn meta ġie jaraħ u tani santa tal-Madonna tal-Girgenti. Qalli biex nitlob bil-qalb u mmur nagħmel ir-ritratt tat-tifel fil-vaska ta' l-ilma li hemm fil-Girgenti. L-għada t-Tlieta mort niżżilt ir-ritratt tat-tifel fil-vaska u tlabt lill-Madonna biex tingħamel mit-tifel il-volonta t'Alla. Rajt wiċċ il-Madonna veru sabiħ u sthajjilta tfarraġni ħafna. Tlaqt minn hemm b'ċertu serħan tal-qalb. Dak in-nhar il-Professur kien qalilna li t-tifel għadu fi stat kritiku ħafna.

Sebaħ l-Erbgħa u morna naraw lit-tifel bħas-soltu. Madwar is-sodda kien hemm ħafna *nurses*. Dak il-ħin ħsibt li t-tifel kien lest iżda meta rani l-N.O. tan-*nurses* għajjatli u qalli biex nersaq ħalli nkellem lit-tifel. Meta smajt leħnu qalbi waqfet u bdejt nibki bil-ferħ. Aktar tard sirt naf li l-għada li mort npoġġi r-ritratt tiegħu fil-vaska tal-Girgenti, jiġifieri l-Erbgħa fis-7.00a.m., it-tifel kellem lin-*nurses* u kuħadd qal li kien veru "miraklu".

Peress li dam seba' ġimgħat ma jitħarrek, il-muskoli ta' saqajh marrulu għal kollox. Il-Professur Zammit Maempel qalli li aktarx ma kienx ser jimxi iżjed. Erġajt tlabt lill-Madonna tal-Girgenti u lil Ġuża Mifsud biex tidħol għalih hi. Tawni ftit ilma minn tal-Madonna tal-Girgenti u ħsiltlu saqajh bih. Miraklu ieħor għax l-għada beda jħarrek saqajh. Il-professur baqa' skantat. Ammetta li kien miraklu ieħor u hu stess qalli li l-ebda mediċina kirurga ma setgħet tfejqu.

Illum ma nistax ngħid li t-tifel hu perfett, pero jista' jirraġuna, jagħmel l-affarijiet tiegħu waħdu, jitla' u jinżel it-taraġ u anki joħroġ jippassiġġa ftit magħna.



Grazzi minn qalbi lill-Madonna u nibqa' nitlobha zzommu taħt il-mant tagħha.

**C. I. minn Birzebbugia**

Kien ilni nbati minn bugħawwieġ fil-pali ta' riġlejja t-tnejn għal ħafna żmien. F'April 1999 mort għal-laqgħa l-Girgenti u għamilt l-ilma tal-Madonna ma' riġlejja. Minn dakinhar ma tawnix iżjed u jekk ikun ser jagħtini xi wieħed dan jerġa' lura.

Nirringrazzja lill-Ħanin Alla u lill-Madonna għal grazzja li tawni. Viva l-Madonna, omm għażiża tagħna li dejjem tgħinna fil-ħtiġijiet u fejqan tagħna.

**D. G. mill-Marsa**

Jiena kont marida ħafna. Kelli bżonn ta' operazzjoni serja ħafna għax kelli l-materja fis-sinsla ta' dahari. Kont qomt darba billejl u waqajt u ma stajtx nimxi iżjed. Għamilt erba' xhur l-isptar ma niċċaqlaqx. Tlabt ħafna lill-Madonna tal-Girgenti u qalgħatli l-grazzja li jien qed nimxi. It-tobba stess qaluli li "miraklu".

Għalhekk itolbu lill-Madonna u żgur li tagħtikom il-grazzji li tixtiequ.

**A. Mifsud minn Santa Venera**

Jiena Anna kont inbati b'widnejja. Meta mort għand il-Professur qalli li rrid naqla' snieni u nagħmel id-dentatura biex tgħaddili widnejja. Jiena hekk għamilt u bħal daż-żmien sentejn ilu għamilt id-dentatura. Iżda l-materjal ma qabilx miegħi, kien ikolli ħafna ħruq f'ħalqi u t-tabib qalli li rrid nibqa' bih għomri.

Jiena kemm il darba ġejt il-Girgenti iżda għalkemm nemmen fil-Madonna qisni ma kontx nemmen li dehret lil Ġuża. La naf f'April u lanqas f'Mejju jiena ġejt ma ziju tiegħi u l-kuġina. Dawn bdew jimlew l-ilma. Jiena lanqas kelli flixkun u z-ziju ħasilli flixkun u mlieh. Jiena għidt lil kuġina li qisni nitqażżeż nixrob minnu iżda kif mort id-dar xrobt u għidt Ave Marija lill-Madonna bl-interċessjoni ta' Ġuża filwaqt li ħallejt id-dentatura tixxarrab għal xi jiem f'dan l-ilma tal-Madonna.

Nista' ngħid li jiena mhux grazzja qlajt imma sar miraklu miegħi bil-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu, tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u bl-interċessjoni ta' Ġuża. Id-dentatura ilbistha fil-Pentecoste u żammejtha. Dak il-ħruq li kelli ma għadnix inħossu. Ta' dan nixtieq nirringrazzja l-Ispirtu s-Santu u lill-Madonna bl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud.